MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Talba Numru. 764/2012

**Go plc**

**Vs**

**David Xuereb (ID 42873M) u b'digriet tat-Tribunal tal-11 ta' Jannar, 2013 giet kjamata in kawza Chantal Xuereb Mulvaney**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Novembru, 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sebgha u erbghin ewro u hamsa u disghin centezmu (€447.95) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40099535 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY 2 - prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 - estratt mir-Regisrtu Eletorali , u Dok IZY 4 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali konta l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fit-23 ta' Novembru, 2012 fejn eccepixxa illi preliminarjament trid tigi kjamata fil-kawza Chantel Xuereb Mulvaney (ID. 460378M) li tirrisjedi fil-fond 'St. Joseph' Triq Leone Sliema fejn jinstabu s-servizzi tal-GO plc u fl-liema fond l-intimat ma ghandu ebda access ghalieh stante li bejn l-intimat David Xuereb u l-Chantel Xuereb Mulvaney ghaddejja kawza ta' separazzjoni personali;

Illi l-pretenzjonijiet kontenuti fl-avviz tat-talba Go plc huma nfondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-intimat li ghandu ghalhekk jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-pretensjoni tas-socjeta' attrici hija eccessiva;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Intalab il-kjamat in kawza ta' Chantel Xuereb Mulvaney.

Il-kjamat in kawza Chantel Xuereb Mulvaney ipprezentat risposta fit-2 ta' Marzu, 2015 fejn eccepiet illi in linea preliminari, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici, fil-konfront tal-esponenti, huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2149 tal-Kodici Civili;

Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma tezisti l'ebda relazzjoni gurudika bejn is-socjeta' attrici u l-esponenti, stante li l-esponenti qatt ma kkuntrattat tali 'Bundle Service Agreement Home Pack' li ghalih qed tippretendi hlas s-socjeta' attrici, u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi minghajr pregudizju ghas-suespost, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa altament esagerta, kif ghandu jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

F'din il-kawza il-konvenut kellu package li jikkonsisti f'telephone, television u internet u free minutes fil-mobile. Wara li l-konvenut telaq mid-dar il-kjamata in kawza avzatu li kienet ser tkompli thallsu hi u dan biex ikun jista' jkellem lit-tfal halla s-servizz. Meta sar ftit zmien mar biex jaqtghu qallulu li kellu jirritorna l-apparat.

Il-kjamata in kawza qalet illi ma kinetx certa jekk l-apparat kienx ghandha.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenut ghamel dak kollu li setgha jaghmel biex iwaqqaf dan is-servizz u l-kont ma jibqax jitla' pero ma setax jirritorna l-apparat ghax dan ma hux ghandu.

Fl-istess waqt il-kjamata in kawza jidher car li kienet assumiet hi l-hlasijiet ta' dan is-servizz.

Fid-29 ta' April, 2015 is-socjeta' attrici pprezentat nota ta' riduzzjoni biex l-ammont mitlub huwa ta' mitejn sebgha u disghin ewro u hamsa u disghin centezmu (€297.95).

Ghal din ir-raguni, it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilliberah minn kull talba ghal hlas. Jilqa' pero it-talba attrici u jikkundanna lil kjamata in kawza thallas l-ammont ta' mitejn sebgha u disghin ewro u hamsa u disghin centezmu (€297.95) lis-socjeta' attrici.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza jithallsu mill-kjamat in kawza Chantel Xuereb Mulvaney

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------